# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 207/2021 TA**

**Alfred Manduca (ID 502658M) f'ismu u f'isem il-kumpanija Allegra Limited (C29522)**

**vs**

**Joseph Micallef (ID 50960M), Feliċ Muscat (ID 672750M) u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2022 Dr. Peter Borġ Costanzi talab li jigu sfilzati id-dokumenti esebiti permezz ta' nota mill-Avukat tal-Istat. Ir-raġuni wara din it-talba hija fil-qosor li l-liġi tirrikjedi l-aħjar prova.

Rat it-tweġiba ta' Dr. Isaac Zammit li ssottometta li dawn id-dokumenti huma ammissibli ġja la darba dawn jitħadtu dwar l-għan leġittimu tal-liġi b'mod ġeneriku u mhux speċifiku.

Rat l-atti tal-Kawża.

Rat id-dokumenti, inklużi dawk li qed jintalbu li jkunu esebiti.

Rat li l-vertenza inkwistjoni tħalliet għal digriet fil-miftuħ għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Artikolu 632(2) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Tista' wkoll tinġieb bi prova kull kitba, stampata jew le, skrizzjoni, siġill, bandiera, strument jew għodda ta' arti jew sengħa, talja jew talja bi tqabbil, mappa, sinjal jew marka, li tista' tagħti informazzjoni, tifsir jew raġuni tal-fatti miġjuba fil-kawża".*

Dan l-artikolu partikolari jagħti diskrezzjoni wisa' lill-Qorti liema dokumenti għandha taċċetta. Ovvjament diskrezzjoni li għandha tkun iggwidata mill-prinċipju f'artikolu 558 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u ċioe' "Kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet".

Ix-xorta ta' dokumenti li qed ikunu mitluba jiġu esebiti jinqasmu f'żewġ kategoriji. Minn Dok AS1 li jikkonsistu fi traskrizzjoni ta' Xhieda ta' ċertu Malcolm Borġ fi tlett kawżi oħra u dokumenti minn Dok As 6 et seq, konsistenti f'pubblikazzjonijiet ta' natura teknika u anke resoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-importanza tas-settur agrikolu.

Il-Qorti tosserva li l-imsemmi Malcolm Borġ imexxi iċ-Ċentru agrikolu fl-MCAST. Għalhekk, ma għandha ebda dubju li huwa persuna kompetenti f'dan il-qasam. Pero' l-Qorti tifhem ukoll, li din ix-xhieda ingħatat f'kawżi oħrajn.

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tippermetti dawn id-dokumenti b'dana li dan ix-xhud jinġieb quddiem din il-Qorti sabiex fl-ewwel lok jikkonferma l-kontenut ta' dawn id-dokumenti bil-ġurament tiegħu f'dawn il-proċeduri u di piu' ir-rikorrenti ikollhom l-opportunita' jagħmlulu kontro eżami. Jekk sakemm dan ir-rikors jitħalla għas-Sentenza dan ix-xhud ma jitressaqx il-Qorti ser tkun qed tisfilza ix-xhieda tiegħu fi stadju ulterjuri. L-obbligu li jitressaq ix-xhud ikun fuq l-Avukat tal-Istat.

Il-Qorti tfakkar li l-azzjoni li qed tkun proposta hija waħda li titlob konsiderazzjonijiet ta' natura legali u kif ukoll dik teknika, anke fid-dawl li l-istess ECHR dejjem qieset l-għan leġittimu li oriġinarjament waslu għal dawn ix-xorta ta' liġijiet li kienu maħsuba li jħarsu settur soċjali partikulari. Element li ġie ukoll meqjus fil-każ ta' propjetarja urbana fuq kriterji differenti ta' housing.

Sa fejn jirrigwarda l-esebizzjoni ta' rapporti f'gazzetti lokali, il-Qorti ma tħoss il-ħtieġa tagħhom għaliex fis-sustanza dawn jirraportaw biss dak li jgħidu esperti u terzi. Di piu' fid-dawl tal-ammissjoni tax-xhieda tal-persuna fuq imsemmija ma hemmx ħtieġa tagħhom. Il-Qorti tfakkar li, s-sors ta' dawn ir-rapporti huwa wieħed sekondarju u ma joriġinax direttament mis-sors primarju.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi, tammetti d-dokumenti presentati bin-nota fuq indikata ħlief għal dawk indikati bħala Dok AS 5 u għalhekk tordna l-isfilz tagħhom.

**Imħallef Toni Abela**

Illum It-Tlieta, 4 ta' Ottubru, 2022